# Minn ġot-Taġen għal ġon-Nar

*adattament liberu ta'*

***Kidnapped at Christmas***

*ta'*

*WILLIS  HALL*

---------------------------

*Trevor Żahra*

--------------------------

| *Jieħdu Sehem* | | |
|---|---|---|
| *Billy* | *ħabsin* | |
| *Sammy* | | |
| *Gwardjan Sacco* | | |
| *Gwardjan Apap* | | |
| *Ditektiv* | *Muscat-Abela-Bond* | |
| *Mickey* | *it-tifel tad-Ditektiv* | |
| *Nancy* | *omm Mickey* | |
| *Is-Surmast* | *surmast ta' l-iskola* | |

| | | |
|---|---|---|
| *PC 606* | *pulizija* | |

# *XENA 1* - *Fiċ-Ċella tal-Ħabs*

*Billy u Sammy mitluqin ġo rokna*

Billy — Jingle bells... jingle bells... Jingle all the way,
Aħna hawn ġew
Maqfula sew
U ma se ngawdu xej'...

Sammy — Aqtagħha trid? Hemm għalfejn toqgħod tfakkarni??

Billy — *(bla ma jagħti kasu)*
Ejjew ejjew ja anġli - mis-sema mija mija
U lill-Gwardjani kollha
Qabbduhom puplisja..

Sammy — Uff kif marradtni. Iva... iva... il-Milied se jkollna nqattgħuh hawn fil-ħabs... f'din iċ-ċella... bejn dawn l-erba' ħitan. L-istess kif qattajna l-Milied ta' qabel u ta' qabel. Kuntent issa? Kanta kemm trid!

Billy — Għandek żball għażiż Sammy. Did-darba għandi idea kif naħarbu u nqattgħu l-Milied barra.... niddevertu.

Sammy — Hawn aħna... se nerġgħu nibdew bl-ideat strambi tiegħek.

Billy — Jekk dawk t'hemm isfel jgħinuna ftit, jirnexxilna żgur.

Sammy — *(iħares mgħammex lejn l-udejnza)* Dawk min huma?

Billy Dawk li jinsabu ħielsa... hemm isfel. Ara x'għandna nagħmlu. Jien u int nibdew inwerżqu u ngħidu li mal-ħajt hemm brimba kbira kollha suf...

Sammy Le... ma rridx... jien nibża' mill-brimb.

Billy U le... taparsi. Meta jisma' l-għajjat il-Gwardjan Sacco jiġi jiġri biex joqtolha bil-lembuba tiegħu. *(lill-udjenza)* U hawn tidħlu intom. Meta jien nibda nxejjer idejja, intom ibdew għajtu "Għandek il-lazz taż-żarbun maħlul! Fhimtuni? Il-Gwardjan Sacco jagħtik il-lembuba biex iżżommhielu sakemm jinżel jorbot il-lazz. Inti minnufih ċekċikhielu fuq rasu u nħarbu niġru 'l barra.

Sammy Kieku mhix idea ħażin sa barra. Għal darba ġietek idea tajba! Lil dak Sacco ma naħmlux pinġut. Nieħu gost nilgħabhielu.

Billy *(Lill-udjenza)* Mela, intom lesti tgħinuna? Ħa nara, kif se tgħidu meta nagħmel hekk *(ixejjer idejh it-tnejn).* Tridu tgħajtu aktar. Erġgħu. M'hawnx għalikom.

Sammy Issa x'se nagħmlu?

Billy Nibdew ngħajtu. Ejja iftaħ garġik. Gwardjan... gwardjan... isa ejja... isa hawn brimba kbira...
*(Billy u Sammy iqajmu storbju sħiħ)*

*JIDĦOL IL-GWARDJAN SACCO*

Sacco Fejn? Min? X'ġara? X'inqala'?

Billy Hemm Gwardjan.... hemm fuq ara... hemm brimba kbira.

Sammy Kollha suf.

Sacco *(iħares)* Fejn? Jiena ma nista' nara xejn.

Sammy Hemm ara.... fir-rokna.

*BILLY jxejjer idejh u l-udjenza tgħajjat...*

Sacco X'inhu? Il-lazz taż-żarbun. Mela qed tiġġennu. Jiena nuża żraben *slip-on* u m'għandix lazzijiet. Ejja u ttellfunix ħin. Fejn hi l-brimba li qed issemmu.

Billy Naħseb li laħqet ħarbet. Imma sa ftit ilu hemmhekk kienet. Brimba daqshekk ara...

Sammy Kollha suf!

Sacco Ħa nifli l-ħitan sewwa għax jista' jkun li daħlet ġo xi xaqq...

Sammy *(lil Billy.... aside)* Din hi waħda oħra mill-ideat stupidi tiegħek. Issa x'se nagħmlu?

Billy Issa nibda naħseb fuq idea oħra...

Sammy Minn dawk li ma jirnexxux...

*Waqt li Billy u Sammy jkunu jitkellmu titfaċċa Brimba kbira. Huma ma jarawhiex, imma Sacco jilmaħha mill-ewwel u...*

Sacco X'waħda din.... hemm hi... hemm hi.

*Sacco jitlaq jiġri 'l barra u l-brimba tisparixxi*

Billy Dan x'tah f'daqqa waħda?

Sammy Għandu jkun qed iħoss moħħu.

Billy Billy.. Billy... ħares ftit... nesa l-bieb miftuħ. Ħaffef.... tlaqna!

Sammy Fejn?

Billy Kif fejn??? Naħrabu.

Sammy Imma fejn naqbdu mmorru?

Billy *(Juri lil-udjenza)* Immorru hemm isfel ma' dawk; hemmhekk ma jarawniex. Hux intom taħbuna ? Imxi, tlaqna!

*Billy u Sammy jinżlu qalb l-udjenza.*
*Wara ftit jidħlu l-Gwardjani Sacco u Apap.*

Apap Fejn hi l-brimba li rajt?

Sacco Hemm ara... hemm fuq kienet.

Apap Kienet. Imma issa m'għadhiex hemm!

Sacco Tgħidx kemm kienet kerha.

Apap Sacco... ma jidhirlekx li donnha hawn xi ħaġa nieqsa miċ-ċella?

Sacco Nieqsa? Ħa nara... fiċ-ċella suppost ikun hawn: sodda, siġġu, erba' ħitan, art, saqaf u żewġ ħabsin. ŻEWĠ ĦABSIN! X'waħda din ħarbu!

Apap Injorant li int... ħallejthom jaħarbulek.

Sacco Ma setgħux marru 'l bogħod wisq.

Apap *(Jilmaħhom qalb l-udjenza)* Hemm huma *(isaffar is-suffara)* Aqbduhom... aqbduhom....

*Apap u Sacco jinżlu qalb l-udejnza jiġru wara Sammy u Billy. Wara ftit ġiri ħadd minnhom ma jidher aktar*

---

## *XENA 2* - *Fit-Triq*

*Jidħol id-DITEKTIV flimkien ma' PC606*

Ditektiv PC-606... jiġifieri llum... lejlet il-Milied... kellek il-wiċċ tiġi toħroġni minn dari, fil-bard u fil-kesħa biex, insolvilkom każ ieħor.

PC Skużani Ditektiv Muscat-Abela-Bond. Imma deherli li kelli navżak bil-ħarba ta' żewġ ħabsin. Każ serju.

Ditektiv Każ serju tassew għax juri l-ineffiċjenza tagħhom. U inti x'għamilt malli sirt taf?

PC Ġejt navża lilek.

Ditektiv U issa x'inti tagħmel?

PC Qed inkellmek.

Ditektiv Bħal issa inti mhux suppost qiegħed tkellem lili. Suppost qed tiġġerra fit-triqat tfittex il-ħabsin maħruba.

PC Kollox sew Ditketiv Muscat-Abela-Bond... arani sejjer.

*PC JITLAQ*

Ditektiv *(joħroġ note-book mill-but)* Mela ħa neżaminaw ftit il-fatti li għandna f'idejna s'issa: żewġ ħabsin jaħarbu miċ-ċella tal-ħabs taħt imnieħer il-Gwardjan... brimba kerha kollha suf titfaċċa ftit qabel il-ħarba... u ... fuq kollox... A-ħa.. din l-aktar biċċa gravi.... sala sħiħa mimlija studenti jgħinu lill-ħabsin u jaħbuhom mill-ġustizzja.
*(iħares lejn l-udjenza)* Prosit għalikom. Dan huwa reat tassew gravi. Se tħallsuha qares ta'dan. Jien ġa għandi xamma tafux... ġa naf min huma dawk fostkom li bdew dil-biċċa. Qed nara tnejn mill-klassi 2.01 u oħra lit-3.04 li minn hawn u ftit ieħor irrid ngħidilhom kelma. U ma niskantax li hemm ukoll Miss____________ (jew Mr _____________) imdaħħlin f'dil-biċċa. Tibżgħux. Mad-Ditektiv Muscat-Abela-Bond ħadd ma jiċċajta.

*Jidħol is-SURMAST*

Surmast Ara d-Ditektiv Muscat-Abela-Bond.

Ditektiv Kif inti Surmast? L-iskola kollox sew?

| | |
|---|---|
| Surmast | Issa qegħdin bil-vaganzi tal-Milied. Żmien il-festi. Inti x'għandek... kemm tidher imbaqbaq? |
| Ditektiv | Hemm ara... lejlet il-Milied u ħarbulna żewġ ħabsin? Aħjar kont bħalek Surmast ta' skola. |
| Surmast | Taħseb li kont tkun kapaċi tħabbat wiċċek ma' dawk it-tfal kollha? Jien smajt li lanqas lit-tifel wieħed li għandek m'inti kapaċi tikkontrolla... |
| Ditektiv | Kif... hmmm.... qed isir fuq ruħu żżejjed dak. Storbjuż. |
| Surmast | Iva.... ħsiebu biss f'ħaġa waħda. L-isparar u l-armi tal-gwerra. |
| Ditektiv | Ħeqq... taf int... missieru Ditektiv.... |
| Surmast | ...li jagħtih kull ma jrid biex isoddlu ħalqu. |
| Ditektiv | Hmmm.... eh... se jkolli nħallik forsi naqbad dawk il-ħabsin maħruba. Il-Milied it-tajjeb. |
| Surmast | Lilek ukoll. Ipprova ara taqbadx ukoll lil ċertu tifel li qed ikun ħabsi bla ma jaf. Saħħa. |

*DITEKTIV jitlaq lil hawn u s-Surmast jitlaq lil hemm.*

--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## ***XENA 3*** *- Fit-Triq/ Fid-Dar tad-Ditektiv*

*ĦOSS ta' ragħad u xita*

*Beraq*

*JITFAĊĊAW Sammy u Billy*

Sammy *(Iterter bil-bard)* Ma kienx mument li smajt minnek. Issa ara xi ġralna...

Billy Kif, xi ġralna? Mintix kuntent li ninsabu ħielsa u se nqattgħu l-Milied barra mill-ħabs?

Sammy Dażgur. Hawn barra, fil-kesħa u fix-xita u bla m'għandna bukkun biex nitrejqu. Bħal issa fil-*canteen* tal-ħabs qed jieklu l-pudina tal-Milied...

Billy Togħma ta' nuħħala tat-tiġieġ...

Sammy Imma aħjar minn xejn.

Billy Ara Sam, aħna żewġ ħallelin. Tiftakar kemm għamilna serqiet sbieħ flimkien? Bħal issa ħafna nies jinsabu barra jiċċelebraw f'xi restorant. Hemm ara, ngħidu aħna dik id-dar tidher vojta. Nisgassaw il-bieb u nidħlu.

Sammy Nisirqu??

Billy U le x'nisirqu hu. Nidħlu nistkenna mix-xita u l-bard. U jekk insibu xi ħaġa ta' l-ikel nikluha. Wara kollox x'jistgħu jagħmlulna jekk jaqbduna... jerġgħu jixħtuna l-ħabs.

Sammy Jien ma niflaħx aktar bil-kesħa.

Billy Ejja mela, x’int tistenna.

*Billy u Sammy jersqu lejn il-bieb tad-dar.*

Billy Lanqas biss mhu msakkar. Dħalna.

*JIDĦLU*

Sammy Ara qis li ma nisirqu xejn. Aħjar bqajna fejn konna. Is-sena l-oħra kienu anki tawna tazza nbid ukoll.

Billy Togħma ta’ ħall! *(iħares u jilmaħ il-Christmas Tree)* Hawn għandhom kollox bil-lest. Ara kemm rigali għandhom taħt is-siġra.

Sammy U għandhom ħafna pakketti tal-ħelu wkoll.

Billy Trid xi tnejn?

Sammy Imma dawk mhux tagħna....

Billy Issa toqgħodx tilgħabha tal-qaddis, tafx! Ejja... trid jew ma tridx? U anki dak *(l-udjenza)* iridu ftit ħelu, ara. *(lill-udjenza)* Intom tridu ħelu? Hawn ħa... ħudu ftit intom ukoll. *(jixħet ftit pakketti ħelu lill-udjenza)* Hawn ħa Sam.... kul.

*Sammy u Billy jieklu l-ħelu.*

Sammy Insomma... ħeqq ma nistgħux nibqgħu bil-ġuħ.

Billy Lejlet il-Milied! Ara, hawn il-kartolini wkoll.

Sammy X'tistenna li jirċievu fil-Milied... figolli jew?

Billy Ara x'hawn fuq din: "Bl-isbaħ xewqat lill-għażiż ħabibi, id-Ditektiv famuż Muscat-Abela-Bond!□ X'kull waħda wkoll.

Sammy *(eċitat u mwerwer)* X'inhu.. x'hemm miktuba fuqha?

Billy Mhux ġa għidtlek "Bl-isbaħ xewqat lill-għażiż ħabibi, id-Ditektiv famuż Muscat-Abela-Bond!□

*Sammy jaqbad kartolina oħra.*

Sammy Ħa nara fuq din x'hawn! *(Jaqra minnha:)* "B'xewqat tajba għal Milied ferrieħ lid-Ditektiv Muscat-Abela-Bond u l-familja....□ u iffirmata mill-Gwardjani kollha tal-ħabs. X'waħda din... magħmula tagħna.

Billy Iva x'ġara, dan l-għaġeb kollu minħabb daqsxejn ta' kartolina.

Sammy Minix tinduna?? Din id-dar li dħalna fiha hija d-dar tad-Ditektiv Muscat-Abela-Bond...

Billy Hekk taħseb...?

Sammy U hekk hu... X'waħda din, issa hawn il-marki tas-swaba' tagħna ma' kullimkien. Ħrabna mill-ħabs u dħalna propju ġod-dar tad-Ditektiv. Dak żgur mhux se jistrieħ qabel jaqbadna.

Billy U kilnielu l-ħelu kollu.

Sammy X’waħda din!  Il-ħelu!

Billy *(juri lill-udjenza)* Anki dawk kielu minnu.  Issa taraw x’jagħmlilkom id-Ditektiv.  Joħdilkom *X-Ray* ta’ l-istonku tagħkom u jekk isibilkom xi traċċi ta’ ħelu, jarrestakom.

Sammy Imxi nfittxu nitilqu 'l barra.

*JITFAĊĊA MICKEY b’pistola f’idu*

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## ***XENA 4*** *- bħal qabel (fid-dar tad-Ditektiv)*

Mickey Ibqgħu fejn intom u ara biss tiċċaqalqu.

Billy X’qatgħa tajtni!  Inti min taħbat?

Mickey Jiena Mickey.  The Terrible Mickey... it-tifel waħdieni tal-famuż Ditektiv Muscat Abela Bond.

Sammy Okay.. okay...Mickey, imma fittex neħħi  dik il-pistola minn idek.

Billy *(lil Sammy)* U dak x’aktarx revolver ta’ l-ilma kull m’hu!

Mickey Triduni nippruvah biex tiċċekkjaw ftit??  Okay ara ġej... *(jimmira l-pistola lejn ras Billy)*

Billy Le... le..okay nemmnuk.   Xi trid minna?

Sammy Skużana tafx... aħna dħalna hawn bi żball. Ħadna żewġ grokkijiet tal-Milied u stordewna. Ħsibnieha d-dar tagħna. Hux tassew Bill? Arana ħerġin 'il barra.

Mickey Ċaqliqa waħda mingħandkom u nagħmilhom ftira. Bang-bang... tittt-tittt-tittt... ikollhom jiġbru l-fdal tagħkom ġo barmil.

Billy Le... le... sewwa qal Sammy... dħalna hawn bi żball.

Mickey U kiltulna l-ħelu kollu bi żball ukoll, hux tassew...?

Billy Mhux aħna biss... dawk t'hemm isfel kielu wkoll.

Mickey Tibżgħux issa daqt jiġi missieri u malajr iqegħedkom għall-frisk. Jagħtikom it-torturi sakemm tistqarru l-verita'kollha.

Sammy Ara jekk tħallina nitilqu nibagħtulek kaxxa kbira ċikkulatini....

Billy Bil-krema u l-lewż.

Mickey Eh iva? Taħsbu li ma nafx min intom. Ġa smajt lil missieri jsemmi lil żewġ ħabsin stupidi li ħarbu mill-ħabs. Billy u Sammy. Kollox naf fuqkom.

Billy *(f'salt wieħed iħares 'il fuq)* Sammy... ara x'hemm hemm fuq... brimba kerha kollha suf...

Sammy Fejn fejn?? Jien ma nista' nara xejn.

Billy Hemm ara...

| | |
|---|---|
| Sammy | Af li hemm mhemm xejn. |
| Billy | Imma kemm int injorant. Brimba bħal dik li rajna fiċ-ċella tal-ħabs. |
| Sammy | Eh... iva.. iva... issa qed naraha. Kemm hi kerha x'waħda din! |
| Mickey | U ħsibtuni li se niblagħha. Għandkom tkunu tafu li din iċ-ċajta hija antika daqs il-brodu. Bħal dik l-oħra tal-lazz taż-żarbun maħlul. |
| | *Il-Brimba tidher nieżla fuq ras Mickey. Sammy u Billy jarawha, imma Mickey ma jintebaħ b'xejn.* |
| Billy | Hemm hi ara... hemm hi... |
| Sammy | Jaħasra issa żgur m'aħniex niċċajtaw. |
| Mickey | Sa fl-aħħar se ttellfuni sabri u nagħmilkom passatur. |
| Billy | Imma jien nibża' mill-brimb. |
| Mickey | Jaqbillek tibża' minn dan ir-revolver ikkarggat. |
| | *Wara ftit il-brimba tmur lura mnejn ġiet.* |
| Sammy | *(lil Billy)* Billy... Bill... jekk ikolli ngħid rajt il-pum tal-bieb jiċċaqlaq. |
| Mickey | Dan iċ-ċajt bla sens tagħkom issa qed idejjaqni sal-ponta ta'mnieħri. Naħseb dalwaqt tgħiduli li minn warajja tfaċċat id... |

*Minn wara Mickey titfaċċa id....*

Sammy Iva... iva hemm hi!!!!

Mickey Eh dażgur. X'aktar? X'aktar? Dawn l-istejjer xbajt naqra bħalhom. Imbagħad l-id tibda tfittex is-swiċċ tad-dawl.

*L-id tagħmel dak kollu li jibda jsemmi Mickey.*

Billy Tassew... hekk donnha qed tagħmel...

Sammy Imma l-għaliex ma tridx temminna?

Mickey Imbagħad sa fl-aħħar l-id misterjuża ssib is-swiċċ u f'salt wieħed... bummm... imur id-dawl!

*BLACKOUT -- iqum storbju sħiħ !*

Sammy Isa Billy ħudlu r-revolver....

Billy Hawn ħtaftu minn driegħu...

Sammy Ajma ja mgħarraq li hu x'daqqa tani.

Billy Fejn hu r-revolver?

Sammy Mhux għandi. Żommu sew li ma jmurx jaħarbilna....

Billy Ħallih f'idejja.... mhux se jaħrab żgur.

*Jiġi d-DAWL u naraw li Sammy ma' l-art u Billy fuqu jżommu minn driegħu. Mickey mhuwiex hemm. Fl-art hemm ir-revolver tiegħu.*

Sammy — Ajma... dan x'inti tagħmel fuqi ?

Billy — Skużani... ħsibtek Mickey. Dak fejn mar?

Sammy — Ħarab.

Billy — Hekk donnu. Ara... hawn ir-revolver li kellu. Qed tara kif sewwa ħsibt jien. Revolver ta' l-ilma!

Sammy — Jaqblilna nfittxu ndabbru rasna aħna wkoll.

Billy — *(Jilmaħ envelop fuq il-mejda)* Stenna ftit. Dak l-envelop ma kienx hawn qabel.

Sammy — Forsi kien hawn u ma rajniehx.

Billy — Qed ngħidlek dak żgur ma kienx hawn qabel. *(Jieħdu f'idu u jiftħu)* Ara x'hawn miktub: "Aħna ikkidneppjajna lil Mickey. Jekk iddaħħlu fin-nofs lill-pulizija lil Mickey ma tarawhx aktar. Kliem ma' ħadd. Inċemplulkom aħna!

Sammy — X'waħda din. Dan kien jonqosna. Issa żgur se neħlu aħna.

Billy — Aħna x'għandna x'naqsmu?

Sammy Dażgur, imma aħna dħalna f'did-dar, kullimkien hawn il-marki tas-swaba' tagħna, kilnielhom l-ħelu...

Billy *(jirreferi għall-udejnza)* Anki dawk kielu wkoll....

Sammy Imxi niġru 'l barra.

*Tidħol Nancy*

------------------------------------------------------------------------------------------------------------
-------------------------------------------

## *XENA 5*

Nancy *(Twerżaq)* Ajjut... ajjut... x'intom tagħmlu hawn ġew...?

Sammy Tgħajjatx, tgħajjatx sinjura... tinħasadx.... aħna żewġ .... żewġ... hmmm

Billy .... żewġ ħaddiema tal-water works. Infaqgħet kanna, beda ħiereġ ħafna ilma u ġejna nsewwu.

Nancy Kanna mid-dar tagħna?? Ma jidhirx ilma...!

Billy Sewwejna kollox u xxuttajnielkom l-art.

Sammy Taf inti, aħna tad-dipartiment ta' l-ilma kemm aħna effiċjenti.

Nancy Ara jaħasra x'battikata ħadu, lejlet il-Milied. Skużawni tafx, lanqas naf xi ħsibtkom. Nittama li ma qgħadtux tagħmlu ħafna storbju għax għandi t-tifel qiegħed fuq, rieqed. Taf kemm għadna tifel ħelu!!! Mickey jismu. Tassew anġlu tas-sema. Is-Surmast ta' l-iskola irid ilaħħqu Head Prefect għax qal li

qatt ma ra tifel simpatiku daqsu. Ara jien ukoll... poġġu ħalli nagħmlilkom grokk.

Sammy Le, le... mgħaġġlin....

Billy *(lil Sammy)* U le, ħa tagħmlilna grokk. X'għaġla għandna?

Sammy Mela nsejt kemm hemm kanen mifqugħin u kemm ilma ħiereġ....

Billy X'kanen huma??

Sammy Il-kanen li daqt jisplodu ġo rasna *(jagħmel sinjal ta' revolver ma' rasu)* Imxi tlaqna. Il-Milied it-tajjeb.

Nancy Żgur ma tridux grokk?

Sammy Milied ieħor!

*Billy u Sammy jitilqu. Wara ftit Nancy tilmaħ l-envelopp fuq il-mejda. Tieħdu f'idha u tibda taqra. Aktar ma taqra aktar tisserja u tberraq għajnejha.*

Nancy X'waħda din! Mickey... serquli lill-pupu ta' qalbi... Mickey, Mickey....

*Titlaq 'l ġewwa twerżaq!*

---

## *XENA 6 - Fit-Triq*

*Ditektiv qed ikellem lill-Gwardjani Apap u Sacco.*

Ditektiv — Jekk ma jirnexxilniex naqbduhom s’għada filgħodu b’raskom idur.

Sacco — Skużana Sir... imma mhux tort tagħna.  Tort tal-brimba...

Ditektiv — Hmmm... jien naħseb li mhux brimba kienet, imma xi żewġ grokkijiet żejda li ħadtu.

Apap — Sir.... *on or word of honour*.  Ma messejniex xorb ħlief kikkra kafe’!

*Tidħol Nancy bin-nota tal-“kidnapping□ f’idha u tibqa’ sejra fuq id-Ditektiv.*

Nancy — Roberto... Robereto... serqulna t-tifel.... serquli l-pupu ta’ qalbi.

Ditektiv — X’ġara?  Dan x’inti tagħmel hawn barra bħal issa?

Nancy — Hawn ara....  ara x’kitbulna.

*Ditektiv jieħu l-karta f’idu u jaqra.*

Ditektiv — Din meta sibtha?

Nancy — Wara ftit li ħarġu l-ħaddiema tal-*water works.*

Ditektiv — Ħaddiema tal-*water works?* Dawn fejn iltqajt magħhom?

Nancy — Sibthom id-dar qed isewwulna l-kanna ta’ l-ilma.

Ditektiv — X'kanna hi? Dawk is-sena kollha qatt ma jagħmlu xejn se jiġu jsewwulna l-kanna lejlet il-Milied!!! Kif kienu?

Nancy — Wieħed twil daqshekk, bil-baffi... *(tagħti deskrizzjoni ta' Billy u Sammy).* U kienu libsin... *(deskrizzjoni)...*

Apap u Sacco — Billy u Sammy !

Ditektiv — Mill-ewwel xammejtha jien. Din kollha biċċa xogħol tagħhom. Imma tibżax... miegħi għandhom jagħmluha., *(lil Nancy)* Inti mur id-dar u oqgħod ħdejn it-telefon biex jekk iċemplulek tara x'se jgħidu.

Nancy — Il-pupu ta' qalbi. Anġlu bla ġwienaħ. Min jaf kif inhu mwerwer bħal issa. Arani sejra.

*Nancy titlaq*

Ditektiv — U intom *(lil Sacco u Apap)* morru aħartu t-triqat u ara tiksbux xi informazzjoni ġdida.

Apap — Kollox sew Sir. Tlaqna.

*Apap u Sacco jitilqu.*

Ditektiv — *(lill-udejnza)* U issa jmiss lilkom. Qatt ma rajt udejnza agħar minnkom. Imisskom tistħu tikkoperaw ma' żewġ kriminali... taħbuhom u tgħinuhom jisirqu daqsxejn ta'tifel innoċenti. Għidu s-sewwa, hux Billy u Sammy kienu li serquh. *(Udjenza: "Le! )* Qed taraw.... kemm intom mill-agħar! Se tkomplu taħbulhom, hux? Ja giddibin li intom. Narrestakom ilkoll u ngħid

lill-Kap ta' l-iskola biex tħassrilkom il-*parties* kollha tal-Milied. Hekk jistħoqqilkom. Min qed jgħajjat hemm isfel? Min hi din? Arani ġej inkellimha issa stess.

*Ditektiv jinżel fis-sala.*

---

## *XENA 7 - Fil-Kantina*

***(Fin-nofs ikun hemm banketta)***

*Jidħlu Billy u Sammy.*

Sammy — Issa xi dħalna nagħmlu f'dil-kantina? Xi kruha. Żgur hawn il-fatati hawn isfel. *(imur ipoġġi bil-qiegħda fuq il-banketta)*

Billy — Issa ħallik mill-fatati. Ta' lanqas hawnhekk ma jsibna ħadd. Aħjar mid-dar tad-Ditektiv Muscat-Abela-Bond.

Sammy — Tfakkarnix. Ma kienx mument li smajt minnek u ħrabna mill-ħabs. Sħabna bħal issa qegħdin għas-sħana flimkien. Bħalissa ġa kielu u qed jaraw xi video ta' Mr Bean.

Billy — Imma msakkrin ġewwa. Aħna ninsabu hawn... ħielsa.

Sammy — Isss x'ħelsien dak! Niġru mbeżżgħin minn hawn għal hinn?? U issa ġibtni f'dal-post tal-ħarsijiet.

*Jinstama' ħoss qawwi.*

Sammy Dan x'kien? Qed tara kif sewwa ħsibt jien. Hawn il-fatati.

Billy Dal-ħoss donnu ġej minn dik in-naħa. Ħa mmur nara x'hemm. Stennieni hawn.

Sammy Mela x'nagħmel! Arani ġej miegħek.

*Billy u Sammy jitilqu lejn il-lemin.*
*Mix-xellug jitfaċċa mostru, jaqbad il-banketta u jdaħħalna 'l ġewwa miegħu.*

*Wara ftit jiġu lura Billy u Sammy.*

Billy Qed tara kif mhemm xejn minn xiex tibża'. M'hemm l-ebda fatati. Dil-kantina mid-dehra hija parti minn xi skola. Rajthom kemm hemm bankijiet imkissrin u *blackboards*?

Sammy *(Iħares lejn fejn kien hemm il-banketta)* Il-banketta.... sparixxiet!!!!

Billy X'banketta hi? Tibdiex tivvinta, tafx.

Sammy Ma qiegħed nivvinta xejn. Hawnhekk kien hawn banketta. Żgur ġie xi mostru u ħadha.

Billy U x'mostru mostru! Jien ma rajtx banketti!

Sammy Staqsi lil dawk *(jirreferi għall-udjenza)*

Billy *(lill-udejnza)* Hawnhekk kien hawn xi banketta? *(Udejnza: “Iva”)*

Sammy U min ħadha? *(Udjenza: “Il-Mostru”)* Qed tara kif sewwa għidtlek.

*Jerġa’ jinstama’ l-ħoss.*

Sammy X’waħda din. Ġej għalina.

Billy Issa żgur li minn hemm ġej dal-ħoss *(juri n-naħa l-oħra)* Imxi naraw x’hemm.

Sammy Ejja nitilqu 'l barra. Qed nibża’.

Billy Jien sejjer nara x’hemm 'il dik in-naħa.

Sammy Tħallinix waħdi. Stennieni!

*Billy u Sammy jitilqu.*
*Jerġa’ jitfaċċa l-mostru u jpoġġi l-banketta fejn kienet qabel.*
*Jitlaq.*
*Jidħlu Billy u Sammy mixjin b’lura b’idejhom mgħollijin 'l fuq.*
*Mickey qiegħed jippuntalhom revolver.*

Mickey Mela sewwa ħsibt jien! Kontu intom li libbistuni l-ixkora ġo rasi, irbattuni u ġibtuni hawn ġew! Imma ta’ żewġt iħmir ħmir li intom, insejtu r-revolver warajkom.

Sammy X’inti tħawwad? Aħna m’għandna x’naqsmu xejn.

| | |
|---|---|
| Mickey | Imma xorta rnexxieli ninħall mill-ħabel li rbattuni bih. Imbagħad sibt dan ir-revolver li nsejtu warakom. |
| Billy | Af li jaħasra aħna m'għandna x'naqsmu xejn. Neħħi dik l-arma minn idejk. |
| Mickey | Tibżgħux... daqt inneħħiha, imma l-ewwel nagħmilhom ikkappuljat! |
| Sammy | *(jintebaħ bil-banketta)* Il-banketta. Reġgħet ġiet. |
| Mickey | X'inti tħawwad? |
| Sammy | Dik il-banketta kienet hawn, sparixxiet u issa reġgħet ġiet. |
| Mickey | Ma nerġgħux nibdew biċ-ċajt bla sens. |
| Billy | Iva veru. Staqsi lil dawk, ara. *(lill-udejnza)* "Min ġabha l-banketta?" *("Il-mostru")* |
| Sammy | Qed tara! Hawn isfel hawn il-fatati. |
| | *Jidħol il-Mostru.* |
| Sammy | X'waħda din il-mostru... sparalu Mickey, sparalu.... |
| | *Kulħadd iwerżaq u jgħajjat.*<br>*Il-Mostru jneħħi l-maskra u jkun is-Surmast!* |
| Surmast | Hawn x'inhu jiġri ? |

Mickey Is-Surmast!!!!

Surmast Dik l-arma x'inhi tagħmel f'idejk? Ġibha 'l hawn. *(Mickey jagħtih ir-revolver).*

Billy Mela inti mhux mostru???

Surmast Mostru? Jien is-Surmast ta' l-iskola; għandna *fancy dress party* u lbist dan il-kostum. *(lil Mickey)* U inti kif tinsab hawn?

Mickey Dawk ara....

Surmast *(jaħtfu)* Oqgħod dritt meta titkellem. U tomgħodx il-kliem. Għidli... x'inti tagħmel hawn?

Mickey Dawk, Sir.. serquni u ġabuni hawn.

Billy Mhux tassew. Aħna m'għandna x'naqsmu xejn.

Surmast U din l-arma kif ġiet għandek?

Mickey Għax dawn il-boloh insewha warajhom.

Surmast Oqgħod dritt meta nkellmek. Kif insewha warajhom?

Mickey Dawn libbsuni xkora ġo rasi, rabtuni u ġabuni hawn. Imbagħad jien irnexxieli ninħall u sibt l-arma tagħhom maġenbi.

*Jidħol id-Ditektiv fliemkien ma' PC 606, u l-Gwardjani Apap u Sacco*

| | |
|---|---|
| Ditektiv | Hawn huma. Sibtkom sa fl-aħħar. *(lil sħabu)* Fittxu arrestawhom. |
| Surmast | Stennew ftit. Sur Detektiv, għal li jista' jkun din l-arma taf ta' min hi? |
| Ditektiv | Dik tiegħi. Tgħidx kemm ili nfittixha. Fejn kienet? |
| Mickey | Tiegħek!!! |
| Surmast | Dak ix-xi ħadd li seraq lil Mickey insieha warajh. Sur Ditektiv Muscat-Abela-Bond, nixtieq naf kif ir-reveolver tiegħek sab ruħu ħdejn Mickey.... |
| Ditektiv | Hmmm... eh... okay, okay.... kienet daqsxejn ta' ċajta.... |

*Tidħol Nancy li tmur tiġri tgħannaq lil Mickey*

| | |
|---|---|
| Nancy | Il-pupu ta' qalbi. Sibnieh sa fl-aħħar. *(lil żewġha)* Ma kellix sabar noqgħod id-dar. Bqajt miexja warajk u rajtek ġej lil hawn. Dan kif kont taf li Mickey jinsab hawn? |
| Surmast | Mid-dehra l-għażiż żewġek ried jilgħab ċajta goffa u stramba. |
| Ditektiv | Ridt ngħaddi l-jum tal-Milied fil-paċi. Kont naf x'se jiġri malli jisbaħ għada u Mickey jsib dawk ir-rigal kollha li talabna: xkubetta, machine-gun, rifle, air-gun, bażuka, bang-bang... titt-titt-titt... bang-bum... kont ngħaddi jum il-Milied b'uġigħ ta' ras taqsam.<br>Nancy... ridt nisrqu għal jum wieħed biss. Kelli f'moħħi li l-għada tal-Milied niftaħlu. |

| | |
|---|---|
| Nancy | Kif Roberto!!!! Kellek il-wiċċ tasal s'hawn!!! Ma nafx jekk xi ħadd hemm fuq hux se jaħfirlek, imma jien ma se naħfirlek qatt. |
| Ditektiv | Nancy, qalbi... għal jum wieħed biss. Ma tafx kif kien joħdilna rasna... |
| Surmast | Dażgur. Wara li dejjem tkellmu fuq l-armi u l-kriminali u tixtrilu dak kollu li jitwebbel bih. U kif qatt ma rajniek l-iskola għall-Jum il-Ġenituri...? |
| Ditektiv | Kien ikolli x'nagħmel. |
| Surmast | U meta kellna l-Open Day... |
| Ditektiv | Kont xogħol... |
| Surmast | U meta għamilna dawk it-taħditiet apposta għall-ġenituri... |
| Ditektiv | Kont *on duty*. Imma issa ħallina minn dan. Surmast, dan kollu kien għal ġurnata waħda biss. Naħseb għandi dritt inqatta' l-jum tal-Milied fil-paċi. |
| Surmast | Tibża. Fejn sejjer, se jkollok paċi kemm trid *(Lil PC 606, Apap u Sacco)* Arrestawh. |

*PC 606, Apap u Sacco jersqu jarrestaw lid-Ditektiv*

*BLACKOUT*

---

## *XENA 8 - Fiċ-Ċella tal-Ħabs*

*Billy u Sammy l-istess kif kienu fil-bidu ta' Xena-1*

Sammy — Jingle bells... jingle bells... Jingle all the way,
Aħna hawn ġew
Kemm aħna sew
Għax barra x'maltemp ġej...

Billy — Ejjew, ejjew ja anġli,
Mis-sema mija mija...
Ġibulna qatra wiski
U kagħak tal-qastanija.

*Jidħol id-Ditektiv bl-uniformi ta' ħabsi. F'idu għandu gabarre' bi tliet tazzi nbid u kagħak tal-qastanija.*

Ditektiv — Hawn ħa... id-Direttur tal-ħabs bagħtilna tazza nbid kull wieħed. U għanda l-kagħak ukoll....

Billy — M'hawnx għalik Roberto...

Sammy — Issa nistgħu nsejħulek Roberto, mhux hekk? Għax issa inti wieħed minna.

Ditektiv — Sejħuli li tridu. Wara kollox aħjar hawn ġew milli nqatta' l-Milied infittex il-ħabsin maħruba.

Billy — Jew tisma' lil xi tifel sejjer bang-bang-titt-titt-titt....

*Titfaċċa l-BRIMBA minn wara d-Ditektiv. Billy u Sammy jarawha imma d-Ditektiv ma jarahiex.*

Sammy X'waħda din.... il-brimba! ! ! !

Ditektiv Ara ma nerġgħux nibdew, tafux.  M'għandix aptit ċajt.

Billy Gwardjan hawn brimba kerha kollha suf.

Sammy Gwardjan Sacco.

*UP MUSIC*

# SEPAPARJU

*****************************************************